



Brussell, 7 ta' Settembru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0318(NLE)

12485/23
ADD 1

PROCIV 57	ATO 48
ENV 925	CSC 408
JAI 1084	ECOFIN 839
SAN 494	CSCI 149
COSI 140	DATAPROTECT 216
CHIMIE 85	MI 698
ENFOPOL 356	CODEC 1500
RECH 380	COPS 418
CT 133	JAIEX 46
DENLEG 38	COPEN 292
COTER 153	IND 441
RELEX 987	POLMIL 221
ENER 467	IPCR 55
HYBRID 53	DIGIT 160
TRANS 329	DISINFO 62
CYBER 203	CSDP/PSDC 608
TELECOM 251	MARE 18
ESPACE 45	POLMAR 47

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Settembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 526 final
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar Pjan ta' Azzjoni biex jikkoordina rispons fil-livell tal-Unjoni għal tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 526 final.

Mehmuż: COM(2023) 526 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.9.2023
COM(2023) 526 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar Pjan ta' Azzjoni biex jikkoordina rispons fil-livell tal-Unjoni għal tfixkil ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti

ANNESS

Dan l-Anness jiddeskrivi l-prinċipji, l-oġġettivi, l-atturi ewlenin, l-interazzjoni mal-mekkaniżmi eżistenti ta' rispons għall-kriżijiet, u l-funzjonament ta' Pjan ta' Azzjoni biex jikkordina r-rispons għal inċidenti sinifikanti fl-infrastruttura kritika ("Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika") u jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi, il-karigi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni fir-rigward ta' inċidenti bħal dawn, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli. Dan il-Pjan ta' azzjoni ma jaffettwa bl-ebda mod ir-rwol u l-funzjonament ta' arranġamenti oħra.

PARTI I: OġġETTIVI, PRINĊIPJI, ATTURI U STRUMENTI OĦRA

1. Oġġettivi

Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika għandu l-għan li jikseb it-tliet oġġettivi ewlenin li ġejjin b'rispons għal inċident sinifikanti tal-infrastruttura kritika:

- (a) **Għarfien komuni tas-sitwazzjoni**, peress li fehim tajjeb tal-inċident tal-infrastruttura kritika sinifikanti fl-Istati Membri, l-orijini tiegħu u l-konsegwenzi potenzjali tiegħu għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-livell operazzjonali u strateġiku/politiku huwa essenzjali għal rispons ikkoordinat xieraq.
- (b) **Komunikazzjoni pubblika kkoordinata**, peress li tgħin biex jittaffew l-effetti negattivi ta' inċident sinifikanti tal-infrastruttura kritika u timminimizza d-diskrepanzi fil-messaġġi mibgħuta lill-pubbliku fl-Istati Membri u bejniethom. Komunikazzjoni pubblika ċara hija importanti wkoll biex jittaffew il-konsegwenzi tad-diżinformazzjoni.
- (c) **Rispons effettiv**, peress li t-tisħiħ tar-rispons tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet, il-korpi, il-karigi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tal-effetti ta' inċident sinifikanti tal-infrastruttura kritika u jippermetti l-istabbiliment mill-ġdid rapidu ta' servizzi essenzjali b'mod li jimminimizza l-vulnerabbiltà għal inċidenti sinifikanti ulterjuri.

2. Prinċipji

Proporzjonalità

Inċidenti li jfixxlu l-infrastruttura kritika u/jew il-forniment ta' servizzi essenzjali spiss jaqgħu taħt il-limitu ta' inċident sinifikanti tal-infrastruttura kritika kif speċifikat fil-punt 2 ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Bħala tali, dawn jistgħu, fil-prinċipju, jiġu indirizzati b'mod effettiv fil-livell nazzjonali. Għalhekk, l-applikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika hija limitata għal inċidenti infrastrutturali kritiċi sinifikanti.

Sussidjarjetà

L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja li jirrispondu għat-tfixkil ta' infrastruttura kritika jew tas-servizzi essenzjali pprovduti minn entitajiet kritiċi, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, l-istituzzjonijiet, il-korpi, il-karigi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ("SEAE") għandhom rwol komplementari importanti f'każ ta' inċident sinifikanti ta' infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera kbira, peress li inċident bħal dan jista' jkollu impatt fuq diversi taqsimiet jew anke t-taqsimiet kollha tal-attività ekonomika fis-suq intern, il-ħajja taċ-ċittadini li jgħixu fl-Unjoni, is-sigurtà u r-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni.

Komplementarjetà

Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika jqis u jirrifletti l-ħidma tal-mekkaniżmi eżistenti għall-ġestjoni tal-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni, jiġifieri l-arranġamenti tal-Kunsill għal Rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (Integrated Political Crisis Response, "IPCR"), il-proċess intern ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet tal-Kummissjoni ARGUS, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (Union Civil Protection Mechanism, "UCPM"), appoġġat miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (Emergency Response Coordination Centre, "ERCC"), u l-Mekkaniżmu tas-SEAE ta' Rispons għall-Kriżijiet. Huwa jibbaża wkoll fuq arranġamenti settorjali, inklużi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni koordinata ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira previsti fid-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u l-qafas stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni għal rispons ikkoordinat għal inċidenti u kriżijiet transfruntiera taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira ("Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku")², in-Network tal-punti ta' kuntatt tat-trasport³ u ċ-Ċellula Ewropea ta' Koordinazzjoni tal-Kriżijiet fis-Settur tal-Avjazzjoni⁴.

Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika jibni fuq, u għandu jiġi applikat f'konformità mal-istrutturi u l-mekkaniżmi stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-Kummissjoni u fil-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi. Tqis ukoll ir-responsabbiltajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi, il-karigi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni skont il-qafas legali applikabbli għalihom. L-attivitajiet ta' rispons għall-kriżijiet fl-infrastruttura kritika huma komplementari ma' mekkaniżmi oħra ta' ġestjoni tal-kriżijiet fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u settorjali li jappoġġaw il-koordinazzjoni multisettorjali.

Kunfidenzjalità tal-informazzjoni

Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika jqis l-importanza li tiġi ssalvagwardjata l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni klassifikata u sensittiva mhux klassifikata relatata mal-infrastruttura kritika u l-entitajiet kritiċi.

3. Atturi rilevanti

Kull Stat Membru u l-istituzzjonijiet, il-korpi, il-karigi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni msemmija fil-punti a) sa e) hawn taħt, f'konformità mar-regoli u l-proċedura applikabbli għalihom, se jiddeċiedu dwar l-attur(i) rilevanti għal kull inċident sinifikanti tal-infrastruttura kritika, skont is-settur(i) affettwat(i) u t-tip ta' inċident.

a) L-Istati Membri

- L-awtoritajiet kompetenti (pereż. l-awtoritajiet inkarigati mill-infrastruttura kritika, l-awtoritajiet settorjali rilevanti, il-punti uniċi ta' kuntatt maħtura jew stabbiliti skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva (UE) 2022/2557, l-awtoritajiet maħtura jew stabbiliti skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2557);

¹ Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80).

² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar Rispons Ikkoordinat għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 36).

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Pjan ta' kontinġenza għat-trasport" (COM/2022/211 final).

⁴ Stabbilit skont l-Artikolu 19 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 tal-24 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (air traffic management, ATM).

⁵ Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164).

- Meta xieraq, in-network Ewropew ta' organizzazzjoni ta' kollegament f'każ ta' kriżi ċibernetika (European cyber crisis liaison organisation network, "EU-CyCLONe") kif imsemmi fl-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2022/2555;
- Il-Grupp ta' Kooperazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 14 tad-Direttiva (UE) 2022/2555;
- Meta xieraq, partijiet ikkonċernati oħra, inklużi entitajiet jew persuni mis-settur privat bħal operaturi ta' infrastruttura kritika, inklużi dawk identifikati bħala entitajiet kritiċi;
- Il-ministri responsabbli għar-reżiljenza tal-infrastruttura kritika u/jew il-Ministru (i) responsabbli għas-settur jew is-setturi l-aktar affettwati mill-inċident sinifikanti tal-infrastruttura kritika inkwistjoni.

b) Il-Kunsill

- Il-Presidenza b'rotazzjoni;
- Il-Gruppi ta' Ħidma rilevanti, bħall-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni Ċivili inkluż is-sottogrupp dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi PROCIV-CER u l-president(i) tal-Grupp(i) ta' Ħidma rilevanti skont is-settur(i) affettwat(i) u n-natura tal-inċident, bħall-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju u l-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar it-Tisħiħ tar-Reżiljenza u l-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu;
- COREPER, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, u l-IPCR, kollha appoġġati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

c) Il-Kummissjoni, inklużi l-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni

- Servizz ewlieni deżinjat (skont is-settur affettwat) appoġġat mill-ERCC bħala ċ-ċentru operazzjonali 24/7 li jimmaniġġja r-reazzjonijiet għall-kriżijiet u d-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni bħala s-servizz responsabbli fil-qasam u, f'każ ta' inċident transsettorjali, id-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni u servizzi rilevanti oħra tal-Kummissjoni;
- Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni u s-servizz tal-Kelliem;
- Id-Direttorat Ġenerali HERA, l-Awtorità Ewropea għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa;
- Il-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni), stabbilit bid-Direttiva (UE) 2022/2557, u, fejn xieraq, gruppi ta' esperti u kumitati rilevanti oħra;
- L-ERCC stabbilit skont l-UCPM bid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ (24/7 ċentru operazzjonali għall-ġestjoni tal-emerġenzi taħt l-UCPM li jinsab fid-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej);
- Il-Grupp ta' Kooperazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 14 tad-Direttiva (UE) 2022/2555;
- Iċ-Ċentru ta' Għarfien u Analiżi tas-Sitwazzjoni Ċibernetika;

⁶ Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

- Il-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2022/2371⁷;
 - Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni (segretarjat ARGUS) u s- (Deputat) Segretarju Ġenerali (proċess ARGUS), Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani (Direttorat tas-Sigurtà);
 - Gruppi ta' esperti rilevanti oħra tal-Kummissjoni li jassistu lill-Kummissjoni fil-koordinazzjoni ta' miżuri f'sitwazzjoni ta' emerġenza jew ta' kriżi;
 - Networks oħra għall-ġestjoni tal-kriżijiet, inklużi daww settorjali (pereż. in-Network ta' punti ta' kuntatt tat-trasport ġestiti mid-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport, it-Task Force interistituzzjonali għall-Kriżijiet Ċibernetiċi⁸, iċ-ċellola Ewropea ta' Koordinazzjoni tal-Kriżijiet fis-Settur tal-Avjazzjoni);
- Il-President u/jew il-Viċi President/Kummissarju responsabbli.

d) SEAE

- Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (Single Intelligence Analysis Capacity, "SIAC") magħmula miċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet (Intelligence and Situation Centre, "IntCen") u d-Direttorat tal-Intelligence tal-Persunal Militari tal-UE (EU Military Staff Intelligence Directorate, "EUMS Int");
- Ċentru għal Rispons f'Każ ta' Kriżi (Crisis Response Centre, "CRC");
- Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Politika Barranija u tas-Sigurtà/il-Viċi President tal-Kummissjoni.

e) il-korpi u l-karigi rilevanti tal-Unjoni, u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, bħall-Europol, skont is-settur(i) affettwat(i)⁹.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE (ĠU L 314, 6.12.2022, p. 26).

⁸ Grupp informali li jinkludi s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, is-SEAE, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (European Union Agency for Cybersecurity, ENISA), is-CERT-UE u l-Europol, kopresedut mid-Direttorat Ġenerali għan-Network tal-Komunikazzjoni, il-Kontenut u t-Teknoloġija u s-SEAE.

⁹ Bħall-Europol; għat-trasport: l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (European Union Aviation Safety Agency, EASA), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (European Maritime Safety Agency, EMSA), l-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (European Railways Agency, ERA); għas-saħħa: iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (European Centre for Disease Prevention and Control, ECDC) u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (European Medicines Agency, EMA); għall-enerġija: l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (Agency for the Cooperation of Energy Regulators, ACER); għall-ispace: l-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali (EU Space Programme Agency, EUSPA); għas-settur tal-ikel: l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (European Food Safety Authority, EFSA); dwar il-baħar: l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (European Fisheries Control Agency, EFCA); għal inċidenti ċibernetiċi: l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (European Union Agency for Cybersecurity, ENISA), l-Iskwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (Computer Security Incident Response Teams, CSIRTs), l-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE (Computer Emergency Response Team for the EU institutions, bodies and agencies, CERT-UE).

4. Interazzjoni ma' mekkaniżmi u strumenti rilevanti oħra għall-ġestjoni tal-kriżijiet

Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika huwa għodda flessibbli li timmappja diversi azzjonijiet li jistgħu jittieħdu parzjalment jew kompletament bl-użu ta' arranġamenti eżistenti differenti, skont in-natura u l-gravità tal-inċident sinifikanti tal-infrastruttura kritika u l-ħtieġa għal koordinazzjoni operazzjonali, strateġika/politika.

a) Il-Protokoll tal-UE dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu¹⁰ ("il-Protokoll tal-UE")

Il-Protokoll tal-UE japplika fil-każ ta' theddid ibridu¹¹ billi jagħti deskrizzjoni tal-proċessi u l-għodod applikabbli f'każ ta' theddid jew kampanji bħal dawn.

F'każ ta' inċident tal-infrastruttura kritika sinifikanti b'_dimsjonijiet ibrida, il-Protokoll tal-UE japplika f'komplementarjetà mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika, meta xieraq, pereż. għal informazzjoni, analiżi jew komunikazzjoni speċifiċi dwar aspetti ibridi tal-inċident tal-infrastruttura kritika sinifikanti u fir-rigward tal-kooperazzjoni ma' sħab esterni.

b) Il-Pjan ta' Azzjoni għal rispons ikkoordinat għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà transfruntiera fuq skala kbira

Il-Pjan ta' Azzjoni japplika għall-inċidenti transfruntiera fuq skala kbira taċ-ċibersigurtà li t-tfixkil li jikkawżaw tant ikun kbir li l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx jista' jindirizzah waħdu inkella li jolqot żewġ Stati Membri jew aktar jew Istituzzjonijiet tal-UE b'tali impatt wiesa' u sinifikanti inkella minn lat tekniku jew politiku li jkunu jeħtieġu l-koordinazzjoni ta' politika u r-rispons f'waqthom fuq il-livell politiku tal-Unjoni.

F'każ ta' inċident tal-infrastruttura kritika sinifikanti li jikkoinċidi ma' inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew li jidher li huwa relatat miegħu, il-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill jiddeterminaw koordinazzjoni xierqa fil-livell operazzjonali, inkluż permezz tal-EU-CyCLONe jew permezz ta' laqgħa konġunta tal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi mal-Grupp ta' Kooperazzjoni. L-għan tal-koordinazzjoni huwa li jiġi ddeterminat liema attur, għodda jew mekkaniżmu/i jistgħu jikkontribwixxu bl-aktar mod effettiv għar-rispons għall-inċident sinifikanti tal-infrastruttura kritika filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-fergħat ta' ħidma paralleli.

c) Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza

F'konformità mad-Deċiżjoni 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, ir-reazzjonijiet operazzjonali taħt l-UCPM għal diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem attwali jew imminenti (inklużi dawk li jinvolvu tfixkil fl-infrastruttura kritika) fl-Unjoni u barra minnha huma mmexxija mill-ERCC, iċ-ċentru operazzjonali uniku tal-Kummissjoni 24/7 li jimmaniġġja r-reazzjonijiet għall-kriżijiet. F'każijiet bħal dawn, l-ERCC jista' jipprovd i twissija bikrija, notifika, analiżi, u appoġġ għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u, fil-każ ta' attivazzjoni tal-UCPM minn Stat Membru, l-iskjerament ta' assistenza operazzjonali u esperti f'żoni affettwati. Barra minn hekk, l-ERCC jista' jiffaċilita l-koordinazzjoni settorjali u transsettorjali kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll bejn l-Unjoni u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, inklużi dawk responsabbli għall-protezzjoni ċivili u r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika.

¹⁰ Id-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal - Protokoll tal-UE għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu SWD(2023)116 final.

¹¹ It-theddid ibridu jista' jiġi kkaratterizzat bħala taħlita ta' attività koerċittiva u sovversiva, metodi konvenzjonali u mhux konvenzjonali, li jistgħu jintużaw b'mod ikkoordinat minn atturi statali jew mhux statali biex jinkisbu objettivi speċifiċi, filwaqt li jibqgħu taħt il-livell limitu ta' gwerra ddikjarata formalment, ara l-Protokoll tal-UE dwar it-theddid ibridu.

d) Mekkaniżmi u strumenti settorjali jew transsettorjali oħra

Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika ma jidduplikax għodod oħra settorjali jew transsettorjali għall-ġestjoni tal-kriżijiet jew mekkaniżmi ta' koordinazzjoni. Fejn tali għodod jew mekkaniżmi diġà jeżistu fis-settur affettwat, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika, fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, jista' jintuża bħala għodda komplementari għall-għodod jew il-mekkaniżmi settorjali jew transsettorjali iżda ma jissostitwihomx. Il-koordinazzjoni meħtieġa bejn id-diversi atturi għandha tiġi żgurata sabiex tiġi evitata tali duplikazzjoni. Dan jista', pereżempju, jinkiseb fil-proċess intern tal-Kummissjoni ta' koordinazzjoni f'każ ta' kriżi ARGUS, appoġġat mill-ERCC, u/jew laqgħat ta' koordinazzjoni tal-IPCR.

PARTI II: SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI U RISPOSTA KOORDINATA

L-azzjonijiet deskritti hawn taħt jikkonsistu f'modi ta' kooperazzjoni, jiġifieri l-iskambju ta' informazzjoni, il-komunikazzjoni u r-rispons ikkoordinati. Din l-istruttura tikkorrispondi għall-modi tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet tal-Kunsill IPCR u tqis, b'mod aktar ġenerali, l-użu potenzjali tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet li diġà jeżistu fil-livell tal-UE. Din l-istruttura turi kif dawn il-modi ta' kooperazzjoni jintegraw fiha jekk jintużaw. Madankollu, il-biċċa l-kbira ta' dawn l-azzjonijiet jistgħu jittieħdu wkoll b'mod awtonomu: dawn ma jiddependux mill-użu ta' dak il-mekkaniżmu iżda pjuttost jikkomplementawh. L-azzjonijiet huma ppreżentati f'ordni kronoloġika, filwaqt li jitqies li, f'każ ta' kriżi fuq skala kbira li tikkostitwixxi inċident infrastrutturali kritiku sinifikanti, jistgħu jittieħdu diversi azzjonijiet simultanjament u kontinwament.

1. SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

(a) Fil-livell operazzjonali

L-Istati Membri affettwati mill-inċident sinifikanti tal-infrastruttura kritika japplikaw il-miżuri ta' kontinġenza tagħhom stess, jiżguraw il-koordinazzjoni mal-mekkaniżmi nazzjonali rilevanti għall-ġestjoni tal-kriżijiet, u l-involvement tal-atturi nazzjonali, reġjonali u lokali rilevanti kollha, kif xieraq.

Meta rilevanti fir-rigward tal-assistenza tal-protezzjoni ċivili, il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni hija żgurata permezz tal-ERCC skont il-UCPM.

i) Kondiviżjoni tal-informazzjoni u notifika mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti

Minbarra l-obbligi ta' notifika u informazzjoni skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2022/2557, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli għall-infrastruttura kritika fl-Istati Membri affettwati mill-inċident sinifikanti tal-infrastruttura kritika jikkondividu mal-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni, permezz tal-punti uniċi ta' kuntatt tagħhom u mingħajr dewmien żejjed, informazzjoni rilevanti riċevuta mill-operatur(i) tal-infrastruttura kritika, l-entitajiet kritiċi, jew minn sorsi oħra kif ukoll informazzjoni dwar il-mekkaniżmi għall-ġestjoni tal-kriżijiet li ġew attivati. Għall-Kummissjoni, l-ERCC jiżgura kuntatt u kapaċità operazzjonali 24/7 u jikkoordina, jimmonitorja u jappoġġa f'ħin reali r-rispons għall-emerġenzi fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jservi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bħala ċ-ċentru operazzjonali għar-rispons għall-kriżijiet li jippromwovi approċċ transsettorjali għall-ġestjoni tad-diżastri.

Tali kondiviżjoni tal-informazzjoni tikkonċerna n-natura tal-inċident tal-infrastruttura kritika sinifikanti, il-kawża tiegħu, l-impatt osservat jew stmat tal-interruzzjoni fuq l-infrastruttura kritika u l-forniment ta' servizzi essenzjali, il-konsegwenzi tal-inċident bejn is-setturi u l-

fruntieri u l-miżuri ta' mitigazzjoni, li diġà ttehdju jew li huma previsti, fil-livell nazzjonali jew ma' Stati Membri oħra rilevanti u l-Kummissjoni permezz ta' arranġamenti eżistenti, eż. l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni skont l-Artikoli 9 u 15 tad-Direttiva (UE) 2022/2557. Din in-notifika hija pprovduta mingħajr ma tiddevja r-riżorsi tal-infrastruttura kritika jew, f'xi każijiet, tal-entità kritika jew tal-Istat Membru minn attivitajiet relatati mat-trattament tal-inċidenti, li għandha tingħata prijorità.

Sabiex jiġi żgurat segwitu, l-ERCC jew is-servizzi notifikati tal-Kummissjoni responsabbli għas-settur(i) li fih(om) seħħ l-inċident tal-infrastruttura kritika sinifikanti, jinfurmaw lill-punt ta' kuntatt fid-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni. Sadanittant, jekk ma jkunx diġà nbeda, l-ERCC jibda jimmonitorja l-avvenimenti, speċjalment fil-każ ta' attivazzjoni tal-UCPM minn wieħed jew aktar mill-Istati Membri affettwati.

Jekk l-informazzjoni tista' tkun rilevanti biex tiġi indirizzata dimensjoni taċ-ċibersigurtà jew tkun relatata ma' inċident taċ-ċibersigurtà, il-Kummissjoni tikkondividi informazzjoni rilevanti ma' EU-CyCLONe.

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont id-Direttiva (UE) 2022/2557 għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva (UE) 2022/2555 mingħajr dewmien żejjed, fir-rigward ta' inċidenti u inċidenti ċibernetiċi li jaffettwaw entitajiet kritiċi, inkluż iċ-ċibersigurtà u l-miżuri fiżiċi meħuda minn entitajiet kritiċi.

Għad-dominju marittimu, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jikkunsidraw il-possibbiltà li jużaw l-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni (Common Information Sharing Environment, "CISE") biex jikkondividu l-informazzjoni mingħajr dewmien żejjed.

ii) Organizzazzjoni ta' laqgħat tal-esperti

Il-Kummissjoni tlaqqa' mill-aktar fis possibbli l-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi biex tiffaċilita l-iskambji ta' informazzjoni rilevanti bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli għall-infrastruttura kritika u l-istituzzjonijiet, il-korpi, il-karigi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni dwar l-inċident (natura, kawża, impatt, u konsegwenzi bejn is-setturi u l-fruntieri) u dwar azzjonijiet ta' rispons, inklużi miżuri ta' mitigazzjoni u appoġġ tekniku lill-Istati Membri affettwati. Skont iċ-ċentru tal-gravità tal-inċident, is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni se jkunu assoċjati mill-qrib mal-laqgħa tal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi bil-ħsieb li jikkondividu l-informazzjoni miġbura permezz tal-istrumenti settorjali eżistenti. F'każ ta' inċidenti b'taħlita ta' ċibersigurtà u aspetti fiżiċi mhux ċibernetiċi, is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, is-CERT-UE u s-SEAE, fejn rilevanti, jinnotifikaw u jikkonsultaw malajr kemm jista' jkun fi ħdan it-Task Force għall-Kriżijiet Ċibernetiċi, kif ukoll il-presidenti rispettivi tal-Grupp ta' Kooperazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 14 tad-Direttiva (UE) 2022/2555, u l-EU-CyCLONe kif xieraq, dwar il-ħtieġa għal attivitajiet ta' koordinazzjoni. Bi qbil mal-presidenti rispettivi, il-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni u d-Direttorat Ġenerali għan-Network tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija) tista' tipproponi laqgħa konġunta tal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi mal-Grupp ta' Kooperazzjoni bil-ħsieb ta' għarfien tas-sitwazzjoni kondiviż u biex tikkordina r-reazzjonijiet rispettivi.

F'każ ta' inċident sinifikanti tal-infrastruttura kritika transsettorjali li jeħtieġ jew li x'aktarx ikun jeħtieġ ġestjoni tal-konsegwenzi fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista' ssejjaħ laqgħat ta' koordinazzjoni transsettorjali li jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

F'każ li inċident ta' infrastruttura kritika sinifikanti jaffettwa wkoll pajjiż terz, il-Kummissjoni tikkonsulta lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz affettwat u tista' tistedinha għal laqgħa tal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi.

iii) Appoġġ mill-Kummissjoni u l-aġenziji tal-Unjoni

Meta rilevanti u filwaqt li taġixxi f'konformità mal-mandat tagħha, l-Europol tippreżenta rapport dwar is-sitwazzjoni tal-inċidenti fil-livell tal-Unjoni. Aġenziji oħra tal-Unjoni, meta rilevanti u li jaġixxu f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, jirrapportaw informazzjoni rilevanti li tikkontribwixxi għall-għarfien tas-sitwazzjoni tal-inċident tal-infrastruttura kritika sinifikanti jew ir-rispons ikkoordinat għalih lid-Direttorati Ġenerali "prinċipali" rispettivi tagħhom li, min-naħa tagħhom, jirrapportaw lill-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni, bħala l-President tal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi).

Il-Kummissjoni tista' tipprovdi kontribut għall-għarfien tas-sitwazzjoni bl-użu tal-assi tal-Programm Spazjali tal-Unjoni¹² bħal Copernicus, Galileo u EGNOS, fejn rilevanti u f'konformità mal-qafas legali applikabbli.

(b) Fil-livell strateġiku

i) Produzzjoni ta' rapporti dwar l-għarfien tas-sitwazzjoni

Abbażi ta' informazzjoni kondiviża mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'laqgħa tal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, jew laqgħat konġunti ma' servizzi, gruppi ta' esperti jew networks rilevanti, il-Kummissjoni tħejji rapport dwar l-għarfien tas-sitwazzjoni bbażat fuq il-kontributi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u informazzjoni oħra disponibbli.

Dan ir-rapport, meta rilevanti, se jqis l-eżiti tal-valutazzjonijiet tar-riskju, l-evalwazzjonijiet u x-xenarji rilevanti fil-livell tal-UE minn perspettiva taċ-ċibersigurtà, inklużi dawk imwettqa mill-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Grupp ta' Kooperazzjoni.

Fil-każ tal-attivazzjoni tal-IPCR, dan ir-rapport jista' jikkontribwixxi għall-Analiżi Integrata tal-Għarfien tas-Sitwazzjoni (Integrated Situation Awareness Analysis, "ISAA") imħejjija mis-servizzi tal-Kummissjoni u mis-SEAE.

Is-SIAC tippreżenta valutazzjoni aġġornata bbażata fuq l-intelligence dwar l-inċident, fejn rilevanti.

ii) Attivazzjoni tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tal-Unjoni f'każ ta' kriżi u l-użu tal-għodod tal-Unjoni

L-ERCC jibda jipprovdi appoġġ għall-għarfien tas-sitwazzjoni madwar l-inċident, fejn rilevanti, b'mod partikolari jekk l-avveniment iwassal għal attivazzjoni tal-UCPM¹³. Barra minn hekk, l-Istati Membri affettwati jistgħu jitolbu immaġnijiet bis-satellita tat-territorju tagħhom permezz tas-Servizz ta' Ġestjoni tal-Emerġenzi ta' Copernicus.

¹² Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

¹³ Bħall-pubblikazzjoni ta' prodotti ta' monitoraġġ tal-midja, Messaġġi tal-Protezzjoni Ċivili, Briefs Analitiċi, ECHO Daily Maps, ECHO Daily Flashes, u prodotti oħra mfassla apposta.

Meta jitqies xieraq li tiġi kondiviża informazzjoni madwar il-Kummissjoni mas-SEAE u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, id-Direttorat Ġenerali ewlieni jew id-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni, f'koordinazzjoni mas-Segretarjat Ġenerali, jattiva l-proċess ta' koordinazzjoni interna f'każ ta' kriżi tal-Kummissjoni ARGUS Fażi I billi jiftaħ avveniment dwar l-għodda tal-IT Argus.

Il-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni tista' tattiva l-arranġamenti tal-IPCR fil-modalità tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, li tinvolvi l-iżvilupp ta' rapporti tal-ISAA mill-Kummissjoni u s-SEAE b'kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u sorsi oħra, meta xieraq. Anki mingħajr ma jiġi attivat l-IPCR, tista' tinbeda paġna ta' monitoraġġ fuq il-pjattaforma web tal-IPCR mill-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill jew mill-Kummissjoni, taħt ċerti kundizzjonijiet.

Mekkaniżmi u għodod oħra (settorjali) tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-kriżijiet jistgħu jiġu attivati skont il-proċeduri rispettivi, kif xieraq. Il-Kummissjoni se tiżgura l-koordinazzjoni bejn dawn il-mekkaniżmi u l-għodod.

Jekk l-inċident fiżiku jikkoinċidi ma' inċident taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira jew jidher li huwa relatat miegħu, kif definit fl-Artikolu 6(7) tad-Direttiva (UE) 2022/2555, il-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tista' tuża l-Pjan ta' Azzjoni Ċibernetiku biex tiddetermina koordinazzjoni xierqa fil-livell operazzjonali li tinvolvi, fost l-oħrajn, lill-EU CyCLONe u lill-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi.

iii) Koordinazzjoni ta' komunikazzjoni pubblika

L-Istati Membri affettwati mill-inċident kritiku sinifikanti fl-infrastruttura jikkoordinaw il-komunikazzjoni pubblika tagħhom dwar il-kriżi sa fejn ikun possibbli, filwaqt li jirrispettaw il-kompetenza nazzjonali f'dan ir-rigward. In-Network ta' Komunikazzjoni f'każ ta' Kriżi tal-IPCR jista' jkun involut, kif xieraq.

Abbażi tal-għarfien tas-sitwazzjoni kondiż, il-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, u l-Istati Membri affettwati jappoġġaw il-formulazzjoni ta' linji ta' komunikazzjoni pubbliċi maqbula, meta xieraq.

L-Europol u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni jikkoordinaw l-attivitajiet ta' komunikazzjoni pubblika tagħhom mas-servizz tal-Kelliema tal-Kummissjoni, abbażi ta' għarfien komuni tas-sitwazzjoni.

Jekk l-inċident tal-infrastruttura kritika sinifikanti jinvolvi dimensjoni esterna, ibrida jew tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, il-komunikazzjoni pubblika tiġi kkoordinata mas-SEAE u s-servizz tal-Kelliem tal-Kummissjoni f'konformità mal-Protokoll tal-UE għall-għieda kontra t-theddid ibridu¹⁴.

2. RISPONS (LI JINVLVI AZZJONIJIET KONTINWI DESKRITTI TAĦT SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI U AZZJONIJIET ADDIZZJONALI FIL-LIVELLI STRATEĠIĊI/POLITIĊI)

(a) Fil-livell strateġiku

i) Produzzjoni kontinwa ta' rapporti tas-sitwazzjoni

Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Protezzjoni Ċivili – Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (Civil Protection – Critical Entities Resilience, PROCIV-CER) jiġi infurmat dwar il-produzzjoni ta' rapport politiku/strateġiku tas-sitwazzjoni (pereż. l-ISAA fil-każ tal-

¹⁴ Id-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal - Protokoll tal-UE għall-għieda kontra t-theddid ibridu SWD(2023)116 final.

attivazzjoni tal-IPCR jew ir-rapport kondiviż dwar l-għarfien tas-sitwazzjoni mħejji mill-Kummissjoni) u jħejji l-COREPER, f'każ li dan tal-aħħar ma jkunx għadu tlaqqa', jew il-laqgħa tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, kif xieraq.

Is-SIAC tintensifika s-sensibilizzazzjoni tagħha għas-servizzi tal-intelligence tal-Istati Membri, taggrega l-informazzjoni mis-sors kollu u tħejji analiżi u valutazzjoni tal-inċident, kif ukoll aġġornamenti regolari, jekk meħtieġ.

ii) *Attivazzjoni sħiħa tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet tal-Unjoni u l-użu tal-istrumenti tal-Unjoni*

F'każ li l-President tal-Kummissjoni jattiva l-proċess intern ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet tal-Kummissjoni ARGUS Fażi II, laqgħa(t) tal-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet li jinvolvu s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, l-aġenziji, u s-SEAE, fejn rilevanti, jitlaqqgħu fi żmien qasir sabiex jikkoordinaw fir-rigward tal-aspetti kollha tal-inċident tal-infrastruttura kritika sinifikanti.

F'każ li l-IPCR jiġi attivat mill-Presidenza tal-Kunsill b'mod sħiħ:

- Il-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tappella għal diskussjoni informali f'waqtha madwar mejda, li tiġbor flimkien l-atturi nazzjonali, Ewropej u internazzjonali rilevanti, fejn ir-rappreżentant tal-Kummissjoni li jaġixxi bħala l-President tal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni) jista' jirrapporta dwar il-laqgħa(t) tal-grupp li ssejjaħ qabel, ikkomplementat minn servizzi oħra tal-Kummissjoni u s-SEAE, kif xieraq.

- Is-SIAC u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jistgħu jiġu mistiedna jippreżentaw aġġornament tas-sitwazzjoni dwar l-inċident sinifikanti tal-infrastruttura kritika f'din il-laqgħa.

Is-servizz ewlieni tal-ISAA (is-servizz ewlieni tal-Kummissjoni jew is-SEAE) iħejji r-rapport tal-ISAA b'kontribuzzjonijiet mis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, il-karigi, il-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. L-Istati Membri huma mistiedna jipprovdu input, permezz tal-pjattaforma web tal-IPCR, għall-produzzjoni tar-rapporti tal-ISAA.

F'każ ta' inċident infrastrutturali kritiku sinifikanti b'rilevanza għas-sigurtà internazzjonali, is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE jistgħu jlaqqgħu Djalogu Strutturat bejn l-UE u n-NATO dwar ir-Reżiljenza biex jikkontribwixxu għall-għarfien tas-sitwazzjoni kondiviż u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-miżuri meħuda mill-Unjoni u n-NATO, rispettivament.

iii) *Komunikazzjoni pubblika*

Il-Kunsill iħejji messaġġi pubbliċi komuni ta' komunikazzjoni. In-network informali ta' komunikaturi f'każ ta' kriżi stabbilit permezz tal-IPCR jista' jappoġġa din il-ħidma. Is-servizz tal-Kelliem tal-Kummissjoni jħejji wkoll messaġġi pubbliċi ta' komunikazzjoni, kif xieraq.

Jekk l-inċident sinifikanti tal-infrastruttura kritika jinvolvi dimensjoni esterna, ibrida jew tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, il-komunikazzjoni pubblika tiġi kkoordinata mas-SEAE u mas-servizz tal-Kelliem tal-Kummissjoni.

iv) *Appoġġ lill-Istati Membri u rispons effettiv*

Il-Presidenza b'rotazzjoni tista' ssejjaħ laqgħa ta' PROCIV-CER biex tappoġġa l-attivitajiet fil-qafas tal-IPCR, jekk jiġu attivati.

L-Istati Membri affettwati mill-inċident sinifikanti tal-infrastruttura kritika jistgħu jitolbu l-appoġġ tekniku ta' Stati Membri oħra jew ta' istituzzjonijiet, korpi u aġenziji rilevanti tal-

Unjoni permezz tal-Grupp tar-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi, eż. għarfien espert speċifiku biex jittaffew l-impatti negattivi tal-inċident sinifikanti tal-infrastruttura kritika.

L-Istati Membri affettwati mill-inċident tal-infrastruttura kritika sinifikanti jistgħu jitolbu wkoll l-appoġġ tekniku u/jew finanzjarju tal-Kummissjoni jew tal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni. Il-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, tivvaluta l-appoġġ possibbli tagħha u tattiva, fejn xieraq, miżuri tekniċi ta' mitigazzjoni fil-livell tal-Unjoni f'konformità mal-proċeduri rispettivi tagħhom u tikkordina l-kapaċitajiet tekniċi meħtieġa biex jitwaqqaf jew jitnaqqas l-impatt tal-inċident sinifikanti tal-infrastruttura kritika.


Fil-kuntest tal-UCPM speċifikament, il-pajjiżi affettwati jistgħu jitolbu assistenza permezz tas-Sistema Komuni ta' Kommunikazzjoni u Informazzjoni f'Emerġenza (Communication and Information System, "CECIS"), u wara dan l-ERCC jaħdem biex jikkordina l-ġoti ta' assistenza mill-Istati Membri u mill-Istati Parteċipanti tal-UCPM, kif ukoll permezz tar-rescEU.

Fil-mandati rispettivi tagħhom u fuq talba, l-Europol u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni jappoġġaw lill-Istati Membri affettwati minn inċident sinifikanti ta' infrastruttura kritika fl-investigazzjoni tal-inċident.


(b) Fil-livell politiku

Il-Presidenza tal-Kunsill tista' tikkunsidra l-ħtieġa li ssejjaħ Roundtables tal-IPCR, laqgħat tal-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill, COREPER, Kunsill tal-Ministri u/jew Summits għal skambju dwar l-oriġini possibbli u l-konsegwenzi mistennija tal-inċident tal-infrastruttura kritika sinifikanti għall-Istati Membri u għall-Unjoni, jaqblu dwar linji gwida komuni, u jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jappoġġaw lill-Istati Membri affettwati mill-inċident tal-infrastruttura kritika sinifikanti u jtaffu l-effetti tiegħu.

Grafika 1: Ħarsa Ġenerali Skematika tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika



Grafika 2: Id-Deċiżjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika



DIDASKALIJA

- Fażijiet ta' qabel il-Pjan ta' Azzjoni
- Attivazzjoni ta' mekkaniżmi għall-ġestjoni tal-kriżijiet
- Pjan ta' Azzjoni
- Fażijiet ta' wara l-Pjan ta' Azzjoni